MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 1237/2008

Ramon **PORTELLI**, Joseph Xuereb, Simon Warrington u Ian Alexander Micallef

vs

**AIR MALTA p.l.c.** (C – 2685)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-12 ta' Diċembru, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi talbu li din il-Qorti (a) ssib li l-kundizzjonijiet imsemmija fil-klawsoli sitta (6), disgħa (9) u għaxra (10) tal-kundizzjonijiet mehmużin mal-kuntratti pubbliċi tad-19 ta' Frar, 2007, fl-atti tan-Nutar Mark Żammit bħala *traineeship agreements* mal-kumpannija mħarrka ma jiswewx u ma jorbtux lill-

atturi; (b) ssib li l-kumpannija mħarrka ma għandha l-ebda jedd li titlob u teżegwixxi fil-konfront tagħhom il-ħlasijiet imsemmija fil-klawsoli sitta (6), disgħa (9) u għaxra (10) tal-kundizzjonijiet mehmuża mar-rispettivi kuntratti tagħhom; (ċ) issib li l-kumpannija mħarrka għandha troddilhom lura kull ħlas li huma wettqu taħt il-klawsola disgħa (9) msemmija; (d) tillikwida s-somma li l-kumpannija mħarrka għandha trodd lura lil kull wieħed mill-atturi konsegwenti għat-tielet talba; (e) tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallas lil kull wieħed minnhom is-somma hekk likwidata; (f) tordna lill-kumpannija mħarrka biex tersaq għall-pubblikazzjoni tal-kuntratti relattivi għat-tħassir tal-ipoteki ġenerali mogħtijin favuriha minn kull wieħed minnhom f'kull wieħed mill-kuntratti pubbliċi rispettivi għal kull wieħed minnhom; (ġ) taħtar kuraturi biex jidhru fuq l-imsemmija kuntratti għal dawk li jonqsu li jersqu; (g) taħtar nutar pubbliku biex jippubblika l-kuntratti tat-tħassir tal-ipoteki mogħtijin minnhom favur il-kumpannija mħarrka f'kull wieħed mill-imsemmija kuntratti kif ingħad; u (ħ) tiffissa jum, ħin u post għall-pubblikazzjoni tal-imsemmija kuntratti. Talbu wkoll l-ispejjeż u l-imgħax legali fuq is-somma li jmissha tintraddilhom lura;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' Diċembru, 2008, li bih ordnat li ssir in-notifika lill-kumpannija mħarrka u tat direttivi lill-atturi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-kumpannija mħarrka fid-9 ta' Jannar, 2009, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħet għall-azzjoni attriċi billi qalet li t-talbiet attriċi ma jmisshomx jintlaqgħu għaliex iż-żewġ teżijiet tal-atturi m'humiex mistħoqqa fid-dritt. Ladarba n-nefqa għat-taħriġ ta' bdot kummerċjali hija konsiderevoli, u l-vantaġġ li jikseb min ikun hekk imħarreġ tiftaħlu opportunitajiet għall-impieg bi ħlas ogħla, ma fiha xejn ħażin jew kontra l-liġi li l-azjenda li tidħol għal dan il-piż tfittex li tħares l-investiment tagħha billi tiffissa ċar u minn qabel il-kundizzjonijiet li fihom isir it-taħriġ u kif ukoll li hija tifdi l-imsemmi investiment, kemm jekk il-persuna magħżula

ttemm it-taħriġ u tkompli fl-impieg tagħha magħha, u aktar jekk il-persuna magħżula tagħżel li ma tkomplix f'dak l-impieg. Temmet tgħid li ma hemm xejn x'jista' jwaqqa' dak li kien miftiehem bejnha u kull wieħed mill-atturi fil-kuntratt li sar bil-liberta' kollha u bil-ħarsien tal-prinċipju *pacta sunt servanda*;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Novembru, 2009, li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tiġbor il-provi tal-partijiet;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet quddiem l-Assistent Ġudizzjarju, magħduda dik permezz ta' dokumenti;

Rat id-degriet tagħha tad-19 ta' Mejju, 2011[1], li biha tat żmien lill-partijiet biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-atturi fid-19 ta' Ottubru, 2011[2];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka fid-29 ta' Diċembru, 2011[3], bi tweġiba għal dik tal-atturi;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukat tal-atturi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-18 ta' Jannar, 2012, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

[1] Paġ. 254 tal-proċess
[2] Paġġ. 267 sa 276 tal-proċess
[3] Paġġ. 278 – 280 tal-proċess

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni maħsuba biex issib li kundizzjonijiet magħmula f'kuntratt imorru kontra l-kummerċ ħieles ("*in restraint of trade*") u għalhekk ma jiswewx. Hija azzjoni li titlob ukoll il-ħlas lura li sata' sar bi tħaddim ta' dawk il-kundizzjonijiet u biex jitħassru ipoteki li ngħataw b'garanzija tat-twettiq tagħhom. L-atturi huma lkoll impjegati bħala *first officers* mal-kumpannija mħarrka u jgħidu li l-kundizzjonijiet li minnhom jilmintaw kienu jagħmlu parti minn sensiela li ddaħħlu f'kuntratt pubbliku li lkoll kellhom jiffirmaw bla ma tħallew jiddiskutuh u li kienu ntalbu jiffirmawh u jintrabtu bih sabiex setgħu jmorru jattendu għal kors ta' taħriġ ("*traineeship*") li jwassal għall-grad ta' *junior first officer*;

Illi għal din l-azzjoni, il-kumpannija mħarrka (aktar 'il quddiem imsejħa "AM") laqgħet billi qalet li t-talbiet attriċi ma jmisshomx jintlaqgħu għaliex iż-żewġ teżijiet tal-atturi m'humiex mistħoqqa fid-dritt. Ladarba n-nefqa għat-taħriġ ta' bdot kummerċjali hija konsiderevoli, u l-vantaġġ li jikseb min ikun hekk imħarreġ tiftaħlu opportunitajiet għall-impieg bi ħlas ogħla, ma fiha xejn ħażin jew kontra l-liġi li l-azjenda li tidħol għal dan il-piż tfittex li tħares l-investiment tagħha billi tiffissa ċar u minn qabel il-kundizzjonjiet li fihom isir it-taħriġ u kif ukoll li hija tifdi l-imsemmi investiment, kemm jekk il-persuna magħżula ttemm it-taħriġ u tkompli fl-impieg tagħha magħha, u aktar jekk il-persuna magħżula tagħżel li ma tkomplix f'dak l-impieg. Temmet tgħid li ma hemm xejn x'jista' jwaqqa' dak li kien miftiehem bejnha u kull wieħed mill-atturi fil-kuntratt li sar bil-liberta' kollha u bil-ħarsien tal-prinċipju *pacta sunt servanda*;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li f'Lulju tal-2006[4], AM nediet sejħa pubblika għal applikazzjonijiet għall-mili ta' postijiet għal *trainee pilots* mal-flotta ta' ajruplani tagħha. L-atturi kienu l-erba' persuni, minn fost dawk li applikaw, li ngħażlu biex jieħdu sehem fil-kors ta' taħriġ għall-bdoti li jwassalhom għal grad ta' *junior first officers* biex jistgħu jtajru ajruplani ta' AM tal-għamla A-320. L-atturi kollha kienu kisbu, fuq inizjattiva tagħhom u sa minn qabel ma saret is-sejħa, l-kwalifika li jtajru ajruplan bħala "*commercial pilot licencee*". L-attur Xuereb diġa' kien impjegat ta' AM meta ħarġet is-sejħa għall-applikazzjonijiet[5]. Għall-ħabta ta' nofs Jannar tal-2007 u wara li kienu ngħażlu l-applikanti, saritilhom laqgħa fil-kwartieri ta' AM, għarrfuhom li kellhom iħallsu lura lil AM is-somma ta' Lm 15,000 kull wieħed u ngħataw abbozz tal-kuntratt kull wieħed[6]. It-taħriġ beda fit-30 ta' Jannar, 2007[7], qabel ma l-atturi ntalbu jiffirmaw il-kuntratt u wara li ntemm il-proċess tal-għażla, u dam sejjer disgħa u erbgħin (49) jum effettivi[8]. Qabel ma ntalbu jiffirmaw il-kuntratt propost, l-atturi marru jkellmu lill-Kap tar-Riżorsi Umani biex jilmintaw minn uħud mill-klawsoli, iżda AM ma riditx tibdel l-ebda parti mill-kuntratt abbozzat u l-atturi jew jaċċettawh jew setgħu ma jkomplux;

Illi fid-19 ta' Frar, 2007, sar kuntratt għal kull wieħed mill-atturi[9]. Illum l-atturi huma lkoll impjegati ma' AM;

Illi fil-kuntratt, kull wieħed mill-atturi ta garanzija b'ipoteka ġenerali fuq ġidu kollu preżenti u futur għas-somma ta' għoxrin elf lira Maltija (Lm 20,000)[10] biex jiżgura t-temm tal-kors tat-taħriġ u wkoll il-ħarsien tal-kundizzjonijiet marbuta mal-istess taħriġ. Ma' kull wieħed mill-imsemmija kuntratti, kien hemm mehmuża dokument u wkoll żewġ appendiċi. Id-dokument (aktar 'il quddiem imsejjaħ il-"ftehim ta' taħriġ") kien isemmi l-kundizzjonijiet li taħthom kull wieħed mill-atturi kellu jintrabat waqt il-kors u wkoll wara li jtemmu. L-ewwel appendiċi kien jirregola l-ħlas, il-

[4] Xhieda ta' Mark Galea 20.1.2011, f'paġ. 228 tal-proċess
[5] Xhieda tiegħu f'paġ. 79 tal-proċess
[6] Xhieda tal-attur Ramon Portelli f'paġ. 67 tal-proċess
[7] Ara Dok "MGX1", f'paġġ. 244 – 5 tal-proċess
[8] Xhieda ta' Mark Galea 4.5.2011, paġ. 252 tal-proċess
[9] Ara Dokti "A" sa "D", f'paġġ. 9 sa 55 tal-proċess
[10] Li jġibu €46,587.47 fi flus tal-lum

frank, l-akkomodazzjoni u l-beneficċji l-oħrajn li kull wieħed mill-atturi kellu jedd għalihom matul iż-żmien li jkunu għat-taħriġ. It-tieni appendiċi jitkellem dwar il-kundizzjonijiet li kull wieħed mill-atturi jkun eliġibbli għalihom bħala impjegat ma' AM wara li jtemm il-kors ta' taħriġ b'wiċċ il-ġid;

Illi malli l-atturi ngħataw l-impieg ma' AM, beda jitnaqqas mis-salarju tagħhom ammont li kien stabilit fil-ftehim ta' taħriġ sakemm tinqata' s-somma ta' Lm 15,000 miftehma;

Illi f'Diċembru tal-2008, l-atturi fetħu din il-kawża kollettiva;

Illi l-<u>kunsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> li tqajjem l-azzjoni attriċi jintrabtu mal-qafas tal-ftehim li kull wieħed mill-atturi daħal għalih ma' AM. Fost il-konsiderazzjonijiet ewlenin (li joħorġu mill-premessi tar-Rikors Maħluf li bih inbdiet il-kawża), hemm dak dwar jekk il-ftehim u t-twettiq tiegħu kienx wieħed ta' mpjieg jew matul żmien ta' mpjieg. Fit-tieni lok, jekk huwiex minnu li l-kundizzjonijiet li minnhom jilmintaw l-atturi tassew irażżnu jew ifixklu l-kummerċ;

Illi l-Qorti tħossha fid-dmir li tiċċara li l-azzjoni attriċi tinbena fuq il-kawżali li wħud mill-kundizzjonijiet mehmuża mal-ftehim ta' taħriġ kienu klawsoli li jfixklu l-kummerċ. Imkien ma ssemma li l-azzjoni attriċi kienet imsejsa fuq il-vizzju tal-kunsens. Dan qiegħed jingħad għaliex fl-ewwel biċċa tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom l-atturi jaċċennaw għal argumenti dwar is-siwi tal-kunsens tagħhom għall-kuntratt (kemm hu hekk isemmu wkoll ġurisprudenza dwar l-iżball u kif ukoll l-artikolu 974 tal-Kodiċi Ċivili). Il-Qorti tifhem li kieku l-kawżali kienet tassew il-vizzju tal-kunsens, it-talbiet tagħhom ma kenux ikunu marbuta biss mat-tħassir tat-tliet klawsoli li minnhom jilmintaw, imma t-tħassir tal-ftehim kollu. Minħabba f'hekk, il-Qorti sejra żżomm mal-premessi u mat-talbiet kif imressqa fir-Rikors maħluf tagħhom u s-sottomissjonijiet tal-atturi sejra tqishom biss fid-dawl ta' dawk il-premessi u ma' dawk it-talbiet;

Illi fil-premessi u t-talbiet tagħhom l-atturi jsemmu tliet klawsoli partikolari tal-ftehim ta' taħriġ li huma jqisu bħala

“kundizzjonijiet *in restraint of trade* intiżi biex l-atturi jiġu spoljati mid-drittijiet tagħhom ta’ liberta’ u xelta ta’ impjieg kif protetti mil-liġijiet nostrani u dawk Ewropej”. Il-klawsola sitta (6) trid li, hekk kif il-kadett iseħħlu jtemm b’suċċess il-kors ta’ taħriġ huwa jintrabat li jaħdem għal żmien ta’ għaxar (10) snin ma’ AM b’seħħ minn dak inhar li jibda jaħdem bħala *junior first officer*. F’każ li l-kadett ma jtemmx il-kors ta’ taħriġ, ikollu jirrifondi lil AM in-nefqa għat-taħriġ u l-imgħaxijiet fuq dik in-nefqa. Għal dan il-għan, il-kadett kien qed jintrabat li jwettaq l-obbligazzjoni tiegħu taħt din il-klawsola b’ipoteka ġenerali jew b’garanzija oħra tajba għas-soddisfazzjon ta’ AM. L-istess klawsola kienet tistabilixxi wkoll it-tnaqqis ta’ ħlas (minn massimu ta’ € 46,588) skond kull sena li jkun ħadem ma’ AM sa l-imsemmija għaxar snin;

Illi l-klawsola disgħa (9) tistabilixxi li hekk kif il-kadett jidħol f’impieg ma’ AM, irid iħallasha lura fuq medda ta’ għaxar (10) snin in-nefqa li hija għamlet biex ħarrġitu. Din is-somma kienet iffissata fl-ammont ta’ € 34,941 u kellha tinġabar minn AM mill-paga tal-kadett f’rati kull xahar. AM setgħet fid-diskrezzjoni waħdanija tagħha f’każ tal-mard jew korriment tal-kadett mhux kawżati bi ħtija tal-istess kadett, taħfer il-ħlas lura tal-imsemmija somma. F’każ li l-kadett kellu jħalli l-impieg tiegħu minn ma’ AM qabel l-għeluq ta’ għaxar (10) snin mill-bidu tiegħu, il-bilanċ li jkun fadal jitħallas kollu minnufih ma’ temm l-impieg;

Illi l-klawsola għaxra (10) tgħid li l-kadett irid irodd lura kull nefqa li AM tkun għamlet biex ħarrġitu jekk kemm-il darba (a) il-kors ta’ taħriġ jintemm minħabba l-imġiba tal-kadett jew minħabba riżultati ħżiena matul il-kors, jew Jekk (b) ma jseħħlux itemm il-kors b’wiċċ il-ġid jew (ċ) jekk kemm-il darba jonqos milli jagħmel fl-impieg iż-żmien imsemmi fil-klawsola sitta (6). Il-klawsola tgħid li l-ħlasijiet taħt klawsola disgħa u taħt klawsola sitta huma kumulativi;

Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-ftehim ta’ taħriġ li kull wieħed mill-atturi ntalab jiffirma ma kienx kuntratt ta’ mpieg. Anqas u anqas ma huwa ftehim ta’ mpieg il-kuntratt li bih l-atturi taw il-garanzija ġenerali fuq ġidhom favur AM. Dak inhar li l-atturi ffirmaw il-ftehim ma kienx għad għandhom

garanzija li se' jtemmu l-kors tat-taħriġ jew li kienu se' jinstabu tabilfors tajbin biex jingħataw impieg ma' AM. Kemm hu hekk, it-tieni appendiċi mehmuż mal-istess ftehim jitkellem ċar li l-kundizzjonijiet tal-impieg **wara** li l-kadett jikkwalifika mit-taħriġ kellhom ikunu dawk li jinsabu fil-ftehim kollettiv li AM kellha dak iż-żmien mal-Assoċjazzjoni tal-Bdoti. Li kieku l-ftehim ta' taħriġ kien il-kuntratt tal-impieg, din it-tismija kienet tkun saret għalxejn. Terġa' u tgħid, fil-każ tal-attur Xuereb, ladarba huwa kien diġa' impjegat ta' AM qabel ma ngħażel għat-taħriġ bħala bdot, ma kellux bżonn ikollu kuntratt ieħor tal-impieg, għaliex l-ingaġġ tiegħu kien diġa' regolat mill-ftehim kollettiv li kien hemm fis-seħħ. Dan ukoll iseddaq il-fehma tal-Qorti li l-kuntratt li l-atturi ntalbu jiffirmaw u l-ftehim ta' taħriġ mehmuż miegħu ma kellhomx jitqiesu bħala **il-**kuntratt tal-impieg, iżda ftehim aċċessorju li sata' jwassal għall-kuntratt tal-impieg;

Illi huwa minnu, madankollu, li mill-istipendju li kull wieħed mill-atturi kadetti kien jitħallas mingħand AM tul iż-żmien tat-taħriġ, kienet titnaqqas il-kontribuzzjoni relativa tas-Sigurta' Soċjali[11]. Huwa minnu wkoll li minn tagħrif mibgħut minn AM innifsha lill-Korporazzjoni dwar l-Impieg u t-Taħriġ[12], l-impieg tat-tliet atturi Portelli, Warrington u Micallef jissemma li nbeda fis-17 ta' Jannar tal-2007. Fil-każ tal-atturi Xuereb, l-impieg tiegħu ma' AM kien inbeda f'Jannar tal-2001, minħabba li ngħażel għat-taħriġ ta' bdot minn fost l-impjegati eżistenti ta' AM wara li kien ilu s-snin jaħdem fit-taqsima tal-inġinerija ta' l-istess kumpannija[13]. Iżda huwa daqstant minnu wkoll li l-atturi nfushom iressqu s-sottomissjoni li kien il-ftehim kollettiv li kellu jirregola r-relazzjonijiet tal-impieg bejnhom u AM, u mhux il-kuntratt iffirmat fi Frar tal-2007 u l-ftehim mehmużin miegħu. Żiedu jgħidu wkoll li l-ftehim ta' taħriġ intemm *ipso jure* mad-data tal-ħatra tagħhom bħala *junior first officers*[14];

Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-argument tal-atturi m'huwiex tajjeb. Huwa minnu li l-impieg tagħhom huwa mħares mill-ftehim kollettiv u dan huwa stqarrija mill-atturi

[11] Xhieda ta' Mark Galea 4.5.2011, f'paġ. 249 tal-proċess
[12] Ara d-dokumenti f'paġġ. 256 – 8 tal-proċess
[13] Ara d-dok f'paġġ. 259 – 260 tal-proċess
[14] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġ. 271 tal-proċess

nfushom li l-ftehim ta' taħriġ ma kienx il-kuntratt tal-mpieg. Daqstant ieħor ma jfissirx li ladarba huma lkoll saru bdoti impjegati ma' AM ifisser b'daqshekk li dak li ftiehmu fil-kuntratt spiċċa fix-xejn. Il-kuntratt u l-ftehim mehmuż miegħu kellhom eżistenza awtonoma mill-kuntratt tal-impieg u dan jixhdu l-fatt li, kieku xiħadd mill-atturi għoġbu jagħżel li ma jkomplix fl-impieg jew jitlaq qabel iż-żmien miftiehem, kien se' jkollu jħallas is-somom hemm imsemmija b'turija tal-fatt li l-ftehim ta' taħriġ u l-ipoteka mnissla fil-kuntratt kellhom u għandhom eżistenza għalihom;

Illi dan kollu qiegħed jingħad ukoll għaliex wieħed mill-argumenti tal-atturi hu li l-ftehim ta' taħriġ ma jiswiex għaliex ma nkisibx il-kunsens tad-Direttur tal-Impieg u Relazzjonijiet Industrijali qabel ma l-atturi ntalbu jiffirmawh. Huwa minnu li l-atturi, b'ittra tal-avukat tagħhom tal-4 ta' Lulju, 2008[15], bagħtu jistaqsu lil AM jekk kemm-il darba kisbitx il-premess preventiv tad-Direttur. AM wieġbet li ma kienx meħtieġ li tikseb permess bħal dak mingħand id-Direttur imsemmi[16]. Dan jagħmel sens, għaliex l-atturi ma kenux impjegati ta' AM meta ntalbu jiffirmaw il-kuntratt (tneħħi lill-attur Joseph Xuereb), iżda kienu *trainees* u l-liġi ma titlobx li jinkiseb il-permess preventiv ta' dak id-Direttur fil-każ tagħhom. Il-liġi tqis bħala "*trainee*" lil dik il-persuna li ma tkunx apprendist, li ma tkunx tal-età obbligatorja għall-iskola u li tkun qiegħda tieħu taħriġ bis-saħħa ta' ftehim bil-miktub f'sengħa jew parti minnha f'imkien li ma jkunx stabbiliment edukattiv rikonoxxut, b'dana illi *trainee* jista' jinħtieġ jattendi fi stabbiliment edukattiv rikonoxxut bħala parti minn dak it-taħriġ, u "*traineeship*" għandha tiftiehem skont hekk[17]. Il-fatt li l-atturi kienu qegħdin jingħataw stipendju jew *allowance* matul iż-żmien li kienu għat-taħriġ ma jagħmilhomx impjegati, għaliex għall-finijiet tal-liġi t-taħriġ lil persuna bil-għan li **'l quddiem** titqabbad bħala impjegat ma jnissilx f'dak il-ħin ir-rabta ta' kuntratt ta' mpieg[18];

[15] Dok "E", f'paġ. 56 tal-proċess
[16] Dok "F", f'paġ. 57 tal-proċess
[17] Art. 2 tal-Att XXVIII tal-1990 (Kap 343).
[18] ***Wiltshire Police Authority vs Wynn*****[1981]** QB 96 ICR 649

Illi f'dak il-każ u fi skema ta' taħriġ bħal dik, il-liġi trid li l-permess għat-tħaddim ta' apprendist jew *trainee* jingħata bil-miktub mill-Korporazzjoni ta' Xogħol u Taħriġ[19]. Il-Qorti m'għandhiex quddiemha xi prova li dak il-permess ma ntalabx jew li ma ngħatax;

Illi ladarba l-Qorti waslet f'din il-fehma tagħha dwar in-natura tal-kuntratt attakkat mill-atturi u tal-ftehim ta' taħriġ mehmuż miegħu, trid tqis issa l-ilment ewlieni tal-istess atturi. Kif ingħad qabel, dan l-ilment hu fis-sens li l-klawsoli msemmija aktar qabel jiksru l-liġi billi jġagħluhom jibqgħu tabilfors fl-impieg ma' AM, imqar jekk għaż-żmien minn tal-anqas għaxar snin;

Illi l-Qorti tibda biex tgħid li ma tara li ma hemm xejn irraġonevoli li l-prinċipal li jkun daħal fi spejjeż biex iħarreġ u jrawwem impjegat tiegħu jistenna li dak l-investiment jissarraf f'ammont ta' servizz mogħti mill-impjegat wara li jkun hekk imħarreġ. L-għan ta' klawsoli fi ftehim li bihom jinħalqu ċerti rabtiet bejn min qiegħed jinvesti biex iħarreġ u min ser jibbenefika mit-taħriġ huwa dak li jħares l-interessi patrimonjali tal-prinċipal, u fl-istess waqt tħares lill-impjegat billi ma tħallihx marbut magħha għal żmien li ma jagħlaq qatt. Il-klawsola tista' titqies irraġonevoli li kieku kienet miftuħa għal żmien li ma jagħlaqx[20], jew jekk l-ammont ikun wieħed sproporzjonat[21], jew imur kontra l-ordni pubbliku[22];

Illi l-Qorti tagħraf li l-klawsola sitta tal-ftehim ta' taħriġ kienet waħda li torbot lill-attur kadett ma' żmien stabilit ta' xogħol mal-kumpannija li ipprovdietlu t-taħriġ u fetħitlu l-opportunita' ta' mpieg magħha. Min-naħa l-oħra, il-klawsola disgħa għandha s-sura ta' kostituzzjoni ta' debitu għan-nefqa li l-istess kumpannija kellha tidħol għaliha biex ħarrġitu. In-natura legali taż-żewġ klawsoli hija differenti waħda mill-oħra u l-effetti legali wkoll huma differenti;

---

[19] Art. 30(1) tal-Kap 343

[20] Ara, P.A. PS **31.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Attilio Vassallo Cesareo noe vs Anthony Cilia Pisani*** (konfermata mill-Qorti tal-Appell fit-**3.3.2006**)

[21] Ara, App. Kumm. **15.12.1961** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit LaRosa vs Facchetti*** (Kollez. Vol: **XLV.i.426**) u P.A. MCC **31.7.1969** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Xerri noe vs Brian Clarke*** (mhix pubblikata)

[22] Ara, per eżempju, P.A. JSP **5.10.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Pisani noe vs Ruben Vella Bray*** (mhix pubblikata)

Illi l-klawsola sitta taqa' taħt il-kategorija ta' patti magħrufa bħala "*post employment restraints*" li huma marbutin bil-limitazzjoni li jistgħu jitħallew isiru biss jekk kemm-il darba l-prinċipal ikun jeħtieġlu jħares l-interessi kummerċjali tiegħu u li f'kull każ dan ma jkunx bi ksur tal-ħarsien tal-jedd tal-impjegat għad-dritt li jaħdem b'mod produttiv[23]. Dan ifisser li klawsoli ta' din l-għamla mhux tabilfors jitqiesu bħala klawsoli li jxekklu l-kummerċ jew li joħonqu l-liberta' kuntrattwali tal-parti li tintrabat biha. Il-liġi nnifisha tqis li l-oġġett ta' kuntratt jista' jkun li waħda mill-partijiet tintrabat li ma tagħmilx xi ħaġa[24]. Jeħtieġ jintwera li l-import ta' klawsola bħal dik tkun raġonevoli, fis-sens li l-klawsola ma tkunx iddaħħlet fi ftehim fl-interess esklussiv ta' waħda biss mill-partijiet;

Illi meta wieħed iqis l-effetti u l-għan tal-imsemmija klawsola sitta, wieħed jintebah li biha AM riedet tiggarantixxi li tkun tista' tgawdi mill-kwalifiki tal-persuna li hija tkun bagħtet għat-taħriġ speċjalizzat ta' bdot, għall-anqas bla ma jkun hemm il-biżgħa li l-persuna mħarrġa, wara li tkun kisbet dawk il-kwalifiki, taqbad u tħalli l-impieg u l-proċess ta' taħriġ ikollu jerġa' jibda mill-ġdid b'ħaddieħor u b'nefqa mhux żgħira[25]. Min-naħa l-oħra, l-kadett li jkun qed jitħarreġ ma jkun qiegħed iġarrab l-ebda preġudizzju jekk ma jiksirx ir-rabta u jitlaq mill-impieg x'ħin irid, għaliex dak li jkun qiegħed jitħarreġ għalih ser jissarraflu f'garanzija ta' mpieg aċċertat. Fis-sewwa, jrid jingħad ukoll li l-liġi li tirregola l-impiegi tistabilixxi l-jedd lil impjegat taħt kuntratt ta' mpieg bla limitu li jtemm dak l-impieg bla ma għandu għalfejn jagħti lill-imgħallem tiegħu raġuni għaliex jagħżel li jagħmel hekk, sakemm jagħti l-avviż tat-temm tal-impieg[26]. Iżżid tgħid ukoll li kull ftehim li jipprovdi għal xi kundizzjonijiet ta' impieg, magħduda kundizzjonijiet dwar it-temm ta' dak il-kuntratt, li jkunu anqas favorevoli għall-impjegat minn dawk speċifikati fil-liġi, tali ftehim għandu jkollu effett daqslikieku minflok il-

---

[23] P.A. JSP **5.10.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Pisani noe vs Reuben Vella Bray*** (mhix pubblikata)
[24] Art. 982(1) tal-Kap 16
[25] Ara P.A. **6.10.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Fortress Insurance Brokers Ltd vs Shepard*** (Kollez. Vol: **LXXXI.iii.193**) li jixbah f'bosta aspetti l-każ tal-lum
[26] Art. 36(3) tal-Kap 452

kundizzjonjiet li saru fih kienu mdaħħla l-kundizzjonijiet speċifikati mil-liġi[27];

Illi l-Qorti b'żieda mal-konsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru, tqis li klawsola bħalma hija l-klawsola sitta ma tagħmilx minn kuntratt ta' impieg, imma hija ftehim *ad hoc* li, għad li jista' jkun sar fil-qafas ta' rabta ta' mpieg bejn l-imgħallem u l-persuna magħżula biex tintbagħat għal taħriġ, iżomm dejjem il-karattru awtonomu tiegħu għall-għan speċifiku li jkun sar[28]. Hija l-fehma tagħha wkoll li klawsola bħal din hija għal kollox differenti minn klawsola li tkun iżżomm lil persuna impjegata milli, għal żmien li jkun stabilit, tidħol f'impieg ieħor fl-istess qasam wara li tkun temmet l-impieg tagħha taħt ftehim ta' mpieg ta' qabel[29];

Illi wara li qieset l-aspetti kollha ta' dritt u rabtithom maċ-ċirkostanzi fattwali li joħorġu mill-atti, l-Qorti tasal għall-fehma li l-imsemmija klawsola ma tiksirx il-liġi u ma tagħtix lok għat-tħassir tal-garanzija (l-ipoteka ġenerali) li l-atturi għażlu li jagħtu lil AM b'ħarsien tagħha;

Illi dwar il-klawsola disgħa, kif ingħad, din ma taqax fl-istess kejl tal-klawsola sitta. Ir-rabta maħluqa bil-klawsola disgħa hija waħda fejn il-parti li daħlet f'nefqa biex tħarreġ persuna, tippretendi li tiġbor lura dik in-nefqa jekk kemm-il darba l-persuna mħarrġa ttemm b'wiċċ il-ġid il-kors ta' taħriġ u ssib l-impieg ma' min ħarriġha. L-atturi jilmintaw minn din il-klawsola għal żewġ raġunijiet. L-ewwel raġuni li jagħtu hi li lil ħaddieħor li ngħata taħriġ ma' AM ma kienx ingħata dan it-trattament; it-tieni raġuni hi li ladarba l-ħlas lura qiegħed jittieħed mill-paga tagħhom, dan jikkostitwixxi għamla ta' multa li l-liġi tal-impieg tirregola b'mod partikolari;

Illi l-Qorti fliet b'kemm reqqa setgħet biex tistħarreġ dawn iż-żewġ raġunijiet tal-atturi. Dwar l-ewwel raġuni ma tressqet l-ebda prova min-naħa tal-atturi b'żieda mal-allegazzjoni li saret minnhom. Min-naħa l-oħra, l-provi li

---

[27] Art. 42 tal-Kap 452
[28] App. Ċiv. **14.9.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Bartolo noe vs Saywell*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.316**)
[29] Ara App. Inf. RCP **29.3.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Mark Buġeja et pro et noe vs Geoffrey Camilleri***

ressqet AM dwar is-sejħa għall-applikazzjonijiet u l-kundizzjonijiet magħmula juru li din is-sejħa ma kenitx wisq differenti minn sejħat oħra li saru kemm qabel u kemm wara mill-istess AM. Dwar it-tieni raġuni, l-Qorti ma sabet l-ebda dispożizzjoni tal-liġi li żżomm milli mgħallem li jibgħat persuna għal kors biex titħarreġ ma jistax jitlob li n-nefqa għat-taħriġ jiġborha lura mingħand il-persuna mħarrġa. Dan għalhekk ifisser li jekk isir ftehim espress f'dan is-sens – bħalma sar bejn l-atturi u AM – dak il-ftehim ma jidhirx li jkun kontra l-ordni pubbliku u lanqas bi ksur tal-liġi li tirregola r-rabtiet tat-*trainees* jew tal-impjegati. Kif ingħad, il-klawsola disgħa hija fis-sura ta' kostituzzjoni ta' debitu bil-modalita' miftehma tal-ħlas lura tiegħu. Huwa minnu, madankollu, li biex dak il-ħlas lura jittieħed mill-paga tal-persuna li tkun "debitriċi", jridu jitħarsu sewwa d-dispożizzjonijiet tal-liġi[30]. Il-Qorti ma tistax taqbel mas-sottomissjoni tal-atturi li t-tnaqqis li AM tagħmel mis-salarju tal-atturi bi ħlas akkont tal-"kreditu" huwa ghamla ta' multa. Biex tnaqqis ikun multa jrid ikollu natura dixxiplinari marbuta ma' xi ksur preskritt ta' mġiba mistennija jew regolament. F'dan il-każ, il-"kreditu" ma għandu l-ebda traċċa ta' kastig jew sanzjoni dixxiplinari, iżda għandu minn rabta ta' debitu li l-parti "debitriċi" għażlet li tidħol għaliha bla ma kienet imġiegħla;

Illi għal din ir-raġuni l-Qorti ssib li lanqas dak stipulat fil-klawsola disgħa tal-ftehim ta' taħriġ ma jwassal biex jiġġustifika t-tħassir tal-iskrizzjoni ipotekarja magħmula fil-kuntratt tad-19 ta' April, 2007;

Illi dak li jgħodd għall-klawsoli sitta u disgħa separatament jgħodd ukoll għall-klawsola għaxra (10) tal-ftehim ta' taħriġ, għaliex din il-klawsola, kif rajna, tiġbor flimkien u tħaddem b'mod kumulativ iż-żewġ klawsoli l-oħrajn f'dawk iċ-ċirkostanzi maħsuba fiha. Ladarba l-ebda waħda miż-żewġ klawsoli l-oħrajn ma ntwera li kienu jiksru l-liġi, ma jifdalx wisq skop li wieħed joqgħod jara jekk l-effetti tal-klawsola għaxra waħedha tagħtix riżultat differenti. Dan jingħad għaliex tnejn mit-tliet kontinġenzi maħsuba fl-imsemmija klawsola llum ingħalbu ladarba l-atturi

[30] Art. 15(1) tal-Kap 452

seħħilhom itemmu b'wiċċ il-ġid il-kors ta' taħriġ; filwaqt li t-tielet kontinġenza tqieset meta l-Qorti kienet qiegħda tikkunsidra l-klawsola sitta u s-siwi tagħha;

Illi għal dak li jirrigwarda l-kwestjoni tar-rieda tal-atturi li jersqu għall-iffirmar tal-kuntratt, il-Qorti terġa' tfakkar li l-azzjoni attriċi ma tinbeniex fuq il-vizzju tal-kunsens. Madankollu, lanqas ma jidher ta' min joqgħod fuqu l-ilment tal-atturi li kienu mġegħelin jersqu għall-firma bla ma kellhom għażla oħra. Mill-provi joħroġ li l-atturi kienu ngħataw abbozz tal-ftehim jiem qabel ma kellu jsir il-kuntratt. Minbarra dan, jidher li l-atturi fehmu x'kien fihom l-abbozzi tant li saħansitra kienu marru jkellmu lil Adrian Coppini biex jilmintaw miegħu sewwasew dwar il-klawsoli li dwarhom fetħu din il-kawża. Dan kien saħansitra fi żmien qabel ma ffirmaw il-kuntratt. Ma jistax jingħad li l-atturi ma humiex persuni mogħnija minn ċertu livell ta' edukazzjoni u li kienu diġa' għaddew minn esperjenza ta' taħriġ fil-qasam tal-avjazzjoni. Minkejja li lmentaw, ilkoll kemm huma għażlu li jiffirmaw il-kuntratti meta kienu jafu li xejn ma kien inbidel minn dak li kien ġie propost lilhom sa mill-bidu. Il-Qorti ma tistax toqgħod wisq mal-argument tal-atturi li l-iffirmar tal-kuntratt sar wara li kien diġa' ntemm il-proċess tal-għażla u kien inbeda l-kors ta' taħriġ u li għalhekk ma kienx hemm għażla oħra għajr li jiffirmaw: li kieku kien minnu li huma bl-ebda mod ma riedu joqogħdu għall-imsemmi ftehim ta' taħriġ, setgħu bla xkiel ta' xejn jirrifjutaw li jiffirmaw il-kuntratt (u ma jidhirx li kien hemm xi kuntratt ieħor li kien jorbothom biex iħallsu xi danni jew penali jekk jagħmlu hekk) u mhux jidħlu f'rabta li huma jqisu li kienet pass 'il quddiem lejn ħsara akbar għalihom. Fuq kollox, huwa prinċipju ewlieni li min jersaq għal ftehim jagħmel dan b'bona fidi u mhux bi ħsieb ulterjuri u li r-rabta li tinħoloq tkun waħda li torbot lill-partijiet daqslikieku kienet liġi bejniethom;

Illi fl-aħħarnett, AM wriet tajjeb biżżejjed u b'dokumenti li juru ċar li hija tassew daħlet f'nefqa sostanzjali dwar kull wieħed mill-atturi minħabba t-taħriġ li tathom u li għalhekk il-kawteli u l-garanziji li hija talbet mingħandhom m'humiex ħlieqa jew sempliċi pretensjoni fittizja maħsuba biex taħbi

ħaġa b'oħra, iżda l-effett ta' investiment ta' veru li kien meħtieġ daqskemm utli għall-istess atturi;

Illi minħabba f'hekk, il-Qorti tasal għall-fehma li l-azzjoni attriċi ma tistax tirnexxi għaliex m'hijiex mistħoqqa. Għalhekk it-talbiet attriċi m'humiex sejrin jintlaqgħu;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad it-talbiet attriċi** billi m'humiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' l-eċċezzjonijiet** tal-kumpannija mħarrka; u

**Tordna** li l-atturi jħallsu l-**ispejjeż tal-kawża**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------